MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2011

Appell Kriminali Numru. 459/2010

**App. Nru. 459/2010 DS**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Calleja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Calleja talli fid-9 ta’ Jannar 2007 u fix-xhur ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer Maltin cioe` fi Triq Ignazio Saverio Mifsud, Birkirkara b’diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti li kisru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, bl-awtorita` tieghu

nnifsu fixkel lil Emy Brincat fil-pussess ta' hwejgu billi waqqaf xoghol ta' kostruzzjoni, impedixxa illi dan ix-xoghol isir (veranda u gallarija) jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi indahal fi hwejjeg haddiehor;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-27 ta' Ottubru 2010 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Anthony Calleja hati ta' l-imputazzjoni dedotta u kkundannatu multa ta' seba' mitt euro (€700) u, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundanantu sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub, ihallas lir-Registratur tal-Qorti s-somma ta' elf u erbatax-il euro u tmienja u erbghin centezmi (€1014.48) rapprezentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Anthony Calleja pprezentat fit-3 ta' Novembru 2010 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tvarja u timmodifika s-sentenza appellata billi thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u minnha tilliberah u fin-nuqqas ta' dan, tirriforma s-sentenza appellata ghal wahda inqas oneruza fic-cirkostanzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat il-fedina penali aggornata ta' l-imsemmi Anthony Calleja esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni tal-Qorti;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li ma gewx ippruvati l-elementi kollha tar-reat ta' *ragion fattasi*; (2) li huwa agixxa fuq parir moghti mill-Perit Arkitett David Psaila; (3) li, minghajr pregudizzju, il-piena hi fic-cirkostanzi wahda qawwija.

Issa, biex jikkonfigura ruhu r-reat ta’ *ragion fattasi* jridu jikkonkorru dawn l-elementi:

“(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew prezunta, ta’ dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b’ezercizzju ta’ dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel ‘di privato braccio’ dak li jmissu jsir per mezz ta’ l-awtorita` pubblika (Jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d’Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, ‘la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l’opera del Magistrato’); u (4) in-nuqqas ta’ titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta’ Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta’ Frar, 1995; Il-Puliziia v. Carmelo Ciantar, 18 ta’ Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., **Annotazioni able Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista’ jaghti lok ghar-reat ta’ ***ragion fattasi*** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta’ ***ragion fattasi*** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika”.[1]

Issa, mill-provi jirrizulta illi b’kuntratt tal-25 ta’ Frar 2006 l-appellant u martu bieghu lil Emy Brincat u Amanda Sammut “l-arja tal-kejl ta’ circa ghaxar piedi (10ft) bi hdax-il pied (11ft) fond, ekwivalenti ghal ghaxra punt tlieta erbgha metri kwadri (10.34mk) arja superficjali, mil-livell ta’ hdax-il filata (11) sal-gholi ta’ tnejn u ghoxrin filata (22) mil-livell tal-bitha, liema arja hija minghajr ebda access, liema arja taghmel parti mill-fond numru mija u hmistax (115), Nikita Flats, flat numru tnejn (2), fi Triq Ignazio Saverio Mifsud, gewwa Birkirkara”. Ghalkemm fil-kuntratt m’hemmx dikjarat l-iskop ghal tali bejgh, jirrizulta li l-intenzjoni kienet li jigi kostruwit terrazzin li seta’ jintuza

[1] Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Mario Lungaro**, 18 ta' Novembru 1996

mill-flat numru tlieta fl-imsemmi blokk appartamenti Nikita Flats. Dan jammettieh l-appellant stess. Gara li meta l-kuntrattur Paul Demicoli beda x-xoghol biex jibni t-terazzin, l-appellant qallu biex jaghmlu sitt piedi u mhux hdax-il pied.[2] Ix-xoghol fil-fatt kien diga` nbeda.[3] Issa, fis-17 ta' Lulju 2006 inhareg il-permess tal-MEPA biex isir l-imsemmi zvilupp. L-appellant avvicina lill-Perit David Psaila wara li nhareg il-permess.[4] Fl-1 ta' Marzu 2007 il-Perit Psaila rrilaxxja certifikat fejn sostna illi skond il-ligijiet sanitarji t-terrazzin ma setax jeccedi fond ta' aktar minn 1.5 metri. Irid jinghad illi mill-pjanta annessa mal-permess tal-MEPA hemm indikat li l-pjanta giet "SANITA` APPROVED" fil-21 ta' Gunju 2006. L-appellant ghadu jinsisti li l-izvilupp ma jsirx.[5]

Jidher li l-agir ta' l-appellant kien dovut ghal ripensament li kellu wara li kien accetta li jbiegh l-arja msemmija u sahansitra wara li kien inbeda x-xoghol relattiv. Ix-xoghol kien sanzjonat anke minn permess ta' zvilupp mahrug mill-MEPA, u tul il-process ta' l-applikazzjoni ma jirrizultax li saru xi oggezzjonijiet da parti ta' l-appellant.[6] Mela bl-agir tieghu l-appellant spolja lill-kwerelant minn dak minnu akkwizit. Il-fatt li l-Perit tieghu qallu li t-terrazzin ma setax isir kif originarjament kontemplat, geghlet lill-appellant jemmen illi meta waqqaf lill-kuntrattur, kien qieghed jezercita dritt tieghu. Izda Perit mhuwiex "awtorita` pubblika", u din il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tahseb li l-appellant ma kienx jaf li Perit mhuwiex "awtorita` pubblika", u allura illi huwa kellu jirrikorri ghand l-awtoritajiet gudizzjarji sabiex jipprotegi xi drittijiet pretizi tieghu.

Konsegwentement l-aggravji ta' l-appellant fil-mertu huma michuda.

L-ahhar aggravju ta' l-appellant huwa dwar il-piena. F'dar-rigward, in materja ta' piena l-principju regolatur huwa li

---

2 Ara xiehda ta Paul Demicoli a fol. 50.
3 Ara xiehda ta' Malcolm Zarb a fol. 51.
4 Ara xiehda tal-Perit David Psaila a fol. 55.
5 Ara xiehda ta' l-appellant a fol. 59.
6 Ara xiehda ta' Anthony Baldacchino fit-30 ta' Marzu 2011.

din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[7].

Issa, il-piena ghar-reat ta' *ragion fattasi* hi dik ta' prigunerija minn xahar sa tliet xhur, b'dan illi l-Qorti tista', fid-diskrezzjoni taghha, taghti l-piena tal-multa.[8] Il-*maximum* tal-multa huwa elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) u l-*minimum* tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29).[9] Jigifieri l-multa nflitta mill-ewwel Qorti hi fil-parametri tal-ligi u frankament din il-Qorti ma ssib ebda raguni tiddisturba dik id-diskrezzjoni kif ezercitata mill-ewwel Qorti.

Kwantu ghall-ordni ta' l-ewwel Qorti biex l-appellant ihallas l-ispejjez peritali, din il-Qorti tirreferi l-ewwelnett ghal dak li jipprovdi l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta"

**"Meta l-kawza ssir mill-Pulizija *<u>ex officio</u>*, il-Qorti ghandha meta taghti s-sentenza jew f'kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati jew lil hatjin, ilkoll flimkien *in solidum* jew kull wiehed ghalih, ghal hlas lir-registratur, ta' l-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri…."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

F'dan il-kaz jirrizulta li l-kawza tmexxiet permezz ta' kwerela ta' Emy Brincat mibghuta lill-Pulizija mill-Avukat taghhom Dott. Norma Vella fil-11 ta' Jannar 2007 (ara kwerela a fol. 11 tal-process). Ghalhekk l-appellant ma kellux jigi kkundannat ghall-ispejjez peritali ghax il-ligi titkellem car f'dar-rigward. Ara f'dan is-sens ukoll, fost ohrajn, is-sentenza **Il-Pulizija v. Joseph Abdilla** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Jannar

[7] Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

[8] Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

[9] Artikolu 11 *ibidem*.

2008 u s-sentenzi **Il-Pulizija v. Josephine Bartolo et** tat-2 ta' Lulju 2008 u **Il-Pulizija v. Grezzju Camilleri** tas-27 ta' Ottubru 2010 moghtija minn din il-Qorti kif presjeduta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghall-hlas lir-Registratur tas-somma ta' elf u erbatax-il euro u tmienja u erbghin centezmi (€1014.48) rapprezentanti l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------